MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 101/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**A**

Dan huwa appell minn sentenza li sabet lill-appellanti ħatja ta’ reat kontinwat li abbandunat u/jew ħalliet esposta lil bintha minuri.
L-appellanti kienet mixlija talli:
a. fil-Mosta nhar is-17 ta’ Mejju 2004 għall-ħabta tat-3.00 *p.m.* u/jew fix-xhur ta’ qabel b’diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b’riżoluzzjoni waħda, abbandunat u/jew ħalliet esposta lit-tifla minuri tagħha B, ta’ sitt snin; u
b. talli saret reċidiva taħt l-artt. 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenzi tal-qrati Maltin tas-27 ta’ Frar 1998 u tas-26 ta’ Ġunju 2000, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-Avukat Ġenerali u l-imputata taw il-kunsens tagħhom biex il-kawża tinstema’ bil-proċedura sommarja u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali b’sentenza tal-20 ta’ Marzu 2006, wara li rat l-artt. 18 u 246 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-appellanti ħatja ta’ l-ewwel akkuża iżda mhux ħatja ta’ l-akkuża ta’ reċidiva; wara li rat ukoll illi r-reat huwa kontinwat, u għalhekk l-ogħla piena taħt l-art. 246 tal-Kodiċi Kriminali, li hija ta’ sena priġunerija, kellha tiżdied bi grad, ikkundannat lill-appellanti għall-piena ta’ tmintax-il xahar priġunerija.

B’rikors tat-30 ta’ Marzu 2006 l-appellanti talbet lil din il-qorti tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi twettaqha fejn ħelsitha mill-akkuża ta’ reċidiva u tħassarha fejn sabitha ħatja, u hekk teħlisha minn kull imputazjoni u piena, jew, jekk din il-qorti ssib ħtija, tagħti piena li aktar tixraq għall-każ.

L-aggravji ta’ l-appellanti essenzjalment huma dawn:

1. l-ewwel qorti naqset milli tqis sew iċ-ċirkostanzi partikolari ta’ l-appellanti, li laqtu mhux biss il-libertà tal-ġudizzju tagħha iżda wkoll il-libertà ta’ l-azzjoni;
2. l-ewwel qorti ma qisitx sew x’jammonta għal abbandun fil-liġi;
3. ir-reat ta’ abbandun ma jitwettaqx f’waqt wieħed iżda fuq medda ta’ żmien; iż-żmien huwa għalhekk wieħed mill-elementi tar-reat, li ma kellux jitqies bħala kontiwat sabiex tiżdied il-piena; u
4. il-piena mogħtija ma tqisx l-istat mentali ta’ l-appellanti.

Il-fatti li waslu għal dan il-każ seħħew hekk:

Bejn Jannar u Mejju ta’ l-2004 xi ġirien ta’ l-appellanti innotaw illi bintha B ta’ sitt snin kienet qiegħda tkun weħedha, jew fuq l-għatba tal-bieb ta’ barra, jew fil-gallarija tad-dar jew f’*washroom* fuq il-bejt; kienet tkun bil-ġuħ u kienu jagħtuha huma x’tiekol. Billi raw illi dan qed jiġri regolarment, għamlu rapporti dwar dan lill-pulizija u lid-dipartimenti tal-gvern u aġenziji li huma responsabbli għat-tfal. L-ewwel darba li intervjenew l-awtoritajiet kien f’Jannar, meta t-t-tifla kienet tħalliet sigħat weħedha fuq l-għatba tal-bieb ta’ barra, iżda kien dehrilhom illi t-tifla kellha titħalla ma’ ommha.

Baqgħu jsiru rapporti u l-awtoritajiet reġgħu marru jfittxu lit-tifla f’Mejju. It-tifla kienet f’gallarija u, billi ma kien

hemm ħadd ieħor id-dar, wieħed mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili niżel għaliha bi ħbula mingħand il-ġirien u ħariġha. Mill-gallarija t-tifla setgħet tidħol fil-kamra ta' wara iżda mhux f'inħawi oħra tad-dar għax il-kamra kienet imsakkra. Ma kellhiex aċċess għal faċilitajiet sanitarji, u fil-fatt kien hemm sinjali li kienet tinqeda ma' l-art. Kienet ħafja, maħmuġa ħafna, tinten u ddellek, liebsa biss ħwejjeġ ta' taħt li kienu ilhom ħafna fuqha u wkoll kienu maħmuġin ħafna.

It-tifla ttieħdet għand is-sorijiet u hemmhekk raha tabib. It-tabib qal illi t-tifla kienet maħmuġa ħafna minn fuq sa isfel, b'riħa qawwija ta' awrina tal-qtates. Kellha l-qigħan ta' saqajha u idejha suwed bil-ħmieġ, u kellha sinjali ta' gdim ta' briegħed. Kellha wkoll żaqqha minfuha, ġilda xotta u lsienha ħamrani, sinjali ta' nuqqas ta' vitamini u li kienet *undernourished*.

L-appellanti nstabet ħatja taħt l-art. 246 tal-Kodiċi Kriminali:

**246.** Kull min ikun ħati li abbanduna jew ħalla espost tifel ta' età anqas minn seba' snin, jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

L-appellanti qiegħda tgħid illi jista' jkun illi ittraskurat lit-tifla, iżda mhux li abbandunatha.

Fil-fehma ta' din il-qorti, jidher ċar illi t-tifla kienet tassew abbandunata, li jfisser li kienet mitluqa biex tfendi għal rasha. Il-ħmieġ li kellha fuqha u l-*malnutrition* ma kinux riżultat ta' traskuraġni ta' darba iżda ta' nuqqas sistematiku ta' kura għal żmien twil. Kienet qiegħda ssirilha ħsara progressiva għal saħħitha u, li ma kienx għall-interess tal-ġirien, li kienu jagħtuha x'tiekol u li talbu l-għajnuna ta' l-awtoritajiet, kienet ċertament tispiċċa ħażin.

Din il-qorti għalhekk ma għandha ebda dubju illi kien hemm l-elementi materjali ta' l-abbandun.

Tassew illi, kif sewwa qalet l-appellata, l-abbandun ma jseħħx f'waqt wieħed iżda jeħtieġ, bħala wieħed mill-elementi tiegħu, medda ta' żmien. Madankollu, dan ma jfissirx illi ma jistax iseħħ aktar minn episodju wieħed ta' abbandun, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ, u għalhekk l-ewwel qorti għamlet sew li sabet illi r-reat kien wieħed kontinwat taħt l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali.

Mix-xhieda ħareġ illi tassew illi l-appellanti kienet għaddiet minn żmien iebes matul is-snin u fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, minħabba swat u moħqrija, l-ewwel minn żewġha u, wara, mir-raġel li kienet tpoġġi miegħu. Ċertament għaddiet minn waqtiet ta' biża' u *angoscia* iżda ma hemm xejn x'juri li tilfet is-setgħa li tifhem u li trid dak li tkun qiegħda tagħmel – dan huwa biżżejjed għall-għanijiet ta' l-element mentali tar-reat. Lanqas ma jista' jingħad illi kienet imġiegħla fl-għamil jew fin-nuqqasijiet tagħha. Kellha, kieku riedet, l-għajnuna ta' l-awtoritajiet u tal-ġirien, li wkoll offrew li jgħinuha, iżda din l-għajnuna la fittxitha, la riditha u lanqas ħaditha meta ngħatatilha. Anzi, meta rat il-pulizija wara l-bieb mat-tifla, ħarbithom għax stħat.

Madankollu, għalkemm l-elementi kollha tar-reat, kemm materjali u kemm mentali, huma sħaħ, iċ-ċirkostanzi li minnhom għaddiet l-appellanti ma jistgħux ma jkollhomx relevanza għall-għanijiet tal-piena, għax juru illi, għalkemm wriet nuqqas kbir ta' għaqal u ta' responsabbiltà, ma mxietx b'malvaġità.

L-ogħla piena taħt l-art. 246 tal-Kodiċi Kriminali hija ta' sena priġunerija. Din tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi taħt l-art. 18, u għalhekk tista' titla' sa tmintax-il xahar priġunerija. Fil-fehma ta' din il-qorti, iżda, iċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment it-tensjoni mentali u l-biża' li minnhom kienet għaddejja l-appellanti fiż-żmien relevanti, juru illi l-appellanti ma tistħoqqilhiex l-ogħla piena.

Wara li qieset dan kollu, u qieset ukoll il-perikolu li minnu għaddiet it-tifla, il-fatt illi l-appellanti irrifjutat kull għajnuna, għalkemm din setgħet tiksibha faċilment, u l-fatt ukoll illi l-fedina penali ma hijiex għal kollox nadifa, din il-qorti hija tal-fehma illi l-piena ta' sena priġunerija tkun waħda li aktar tixraq għall-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li rat l-artt. 246 u 18 tal-Kodiċi Kriminali, tirriforma s-sentenza tal-20 ta' Marzu 2006 billi twettaqha fejn sabet lill-appellanti ħatja ta' l-ewwel akkuża iżda mhux ħatja ta' l-akkuża ta' reċidiva, u fejn sabet illi r-reat huwa kontinwat; tħassarha fejn ikkundannat lill-appellanti għall-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija, u, minflok, tikkundannaha għall-piena ta' sena priġunerija.

Fl-interess tal-minuri, għandu jinżamm fis-seħħ l-ordni ta' l-ewwel qorti li ipprojbiet il-pubblikazzjoni fuq il-mezzi kollha tax-xandir ta' l-isem u d-dettalji personali kollha ta' l-appellanti u tal-minuri, u ta' l-isem ta' l-iskola fejn kienet tmur il-minuri.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------